MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 181/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Stephen Aquilina**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fix-xhur ta' qabel il-31 ta' Dicembru, 2004, fil-kapacita tieghu ta' direttur tal-kumpanija Peak Leisure Ltd li huwa sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, naqas li jara li kull parank jew "lift" installat f'post tax-xoghol taht il-kontroll tieghu, w cioe' l-istabiliment hawn fuq imsemmi, jigi ezaminat minn persuna kompetenti darba f'kull sitt xhur u jibghat kopja ta' dan ic-certifikat lil Awtorita' kompetenti u dan ai termini tal-artikolu 3(2)(3) tal-avviz legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 3(2)(3) tal-avviz legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations), sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor huwa s-segwenti w cioe' :-Li l-Prosekuzzjoni pproduciet rapprezentant tal-Awtoritia' ghas-Sahha w s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol li xehed li mir-ricerka li ghamel fil-file tal-appellant/tas-socjeta' Peak Leisure Limited li ghandha l-Awtorita', rrizulta li l-appellant kien naqas milli jibghat lill-istess Awtorita' certifikat tal-ezami tal-lift istallat fil-fond ta' din kumpanija li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, fi zmien tminja w ghoxrin jum minn meta tali ezami kien dovut illi jsir u cioe' darba kull sitt xhur. Ergo l-Prosekuzzjoni argumentat li dan kien ifisser li jew tali ezami ma kienx sar jew, jekk kien sar, ma kienx intbaghat fiz-zmien preskritt lill-Awtorita' bi ksur tal-artikoilu 3(3) tal-Avviz Legali 47/1964. Illi pero' l-obbligu li johrog minn din il-ligi kien li jintbaghat tali rizultat tal-ezami lid-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni (karika li llum lanqas biss tezisti) u mhux lill-Awtorita' fuq imsemmija . Li ghalhekk il-prova li ghamlet il-Prosekuzzjoni ma twassal bl-ebda mod ghall-konkluzzjoni li l-appellant jew ma kienx ghamel l-ezami ta' dan il-lift jew li ma baghatx ic-certifikat ta' dan l-ezami lill-Awtorita' kompetenti.

**Semghet ix-xhieda ta' Kevin Gauci fl-udjenza tat-22 t' Ottubru, 2005,**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordna taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta’** Kevin Gauci**, Senior Officer fl-Awtorita’ tas-Sahha w Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol, rrizulta li f’ nofs Dicembru, 2003 kienu ghamlu spezzjoni n-nahat ta’ Paceville jew San Giljan fejn innutaw li kien hemm tip ta’ “*goods lifts*” li minnu kien jaghmel l-appellant li kien dahhalhom w urihom it-tip ta’ *passenger lift* . Umbaghad huma kienu talbuh jiccertifika dan il-lift. Peress li hu kien qal li ma jafx b’ din it-tip ta’ ligi, kienu tawh hmistax il-jum zmien biex jiccertifika l-lifts. Kienu rcevew xi tip ta’ certifikat fit-22 ta’ Dicembru, 2003. Huma kienu talbu lill-appellant biex jirrettifika l-irregolaritajiet li kellu fil-paragrafi 5A u 5B tad-dokument esebit u dan immedjetament, u dan minhabba li jista jwegga xi hadd u hu kellu jerga jgib l-engineer u jiccertifika li dak li kellu jsir ikun sar u jibghat certifikat gdid lill-Awtorita’ fi zmien sebghat ijiem minn meta jitlesta dan ic-certifikat. Pero’ dan l-appellant ma ghamlux . Tant hu hekk li lanqas biss rega’ ccertifika l-lifts kif titlob il-ligi kull sitt xhur. L-ahhar certifikat li baghat kien f’ Dicembru, 2003. Suppost li rega’ cerrtifika f’ Gunju, 2004 u f’ Dicembru, 2004. Baghat certifikat biss fl-24 ta’ Mejju, 2005.**

**Ikkonsidrat;**

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-punt ta’ dritt fuq referit u cioe’ jekk bil-ligi kif inhi llum l-obbligu tal-avviz hux li dan jinghata lid-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni jew lill-Awtorita’ ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol.

**Illi l-akkuza dedotta kontra l-appellant taqa’ taht ir-Regolament 3 tar-Regolamenti ta’ l-1964 dwar il-**

**Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet) mahruga taht l-Ordinanza dwar il-Fabbriki (Kap.169)**

**Illi l-Att XXVII ta’ l-2000, fit-Taqsima IX tieghu “Revoka” jiddisponi fl-artikolu 39 (2) li minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3), ir-regolamenti maghmulin taht l-Ordinanza dwar il-Fabbriki u li kienu gew mizmuma fis-sehh taht l-Att ghall-Promozzjoni tas-Sahha u s-Sigurta’ fuq ix-Xoghol li gie revokat bl-Att XXVII ta’ l-2000, kif ukoll ir-regolamenti maghmulin taht dan l-Att revokat, <u>ghandhom ikomplu jsehhu u jkollhom effett bhallikieku saru taht dan l-Att, u jistrghu jigu hekk emendati u revokati, u d-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 38 ghandhom japplikaw ghal kull ksur ta’ dawk ir-regolamenti bhallikieku kienu regolamenti maghmulin taht dan l-Att.</u>**

**Illi l-proviso tal-istess sub-artikolu (2) jkompli jiddisponi li l-espressjoni *“fabbrika*” f’ xi regolamernt maghmul taht l-Ordinanza dwar il-Fabbriki, jew taht l-Att ghall-Promozzjoni tas-Sahha u s-Sigurta’ fuq ix-Xoghol u li jkun mizmum fis-sehh kif intqal ghandha tiftiehem bhallikieku kienet l-espressjoni *“post tax-xoghol”* u ghandhu jkollha l-istess tifsir moghti lill-espressjoni *“post tax-xoghol*” fl-artikolu 2 u kull riferenza f’ dawk ir-regolamenti ghall-Ordinanza jew ghall-Att ghandha tiftiehem bhala riferenza ghall-Att dwar l-Awtorita’ ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol.**

**L-artikolu 2 fuq imsemmi umbaghad jiddefinexxi “*post tax-xoghol*” bhala kull fond, lok, facilita’ bastiment jew post jew imkien iehor , kemm jekk pubbliku jew privat , fejn isir xoghol jew li ghalih il-haddiem ikollu access waqt il-kors ta’ l-impieg tieghu u tinkludi vettura jew bastiment, meta dak il-bastiment ikun gewwa xi port f’ Malta jew fl-ibhra interni jew territorjali tal’ Malta jew f’ xi tarzna, port jew stallazzjoni simili f’ Malta , minbarra bastiment tal-gwerra li jappartjeni lil xi stat barrani.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghalhekk l-obbligu kontenut fir-regolament 3 tal-Avviz Legali 47/1964 ghadu vigenti pero' dan jindika li r-rapport dwar l-ezami tal-lift li ghandu jsir kull sitt xhur irid jintbaghat lid-Direttur ta' l-Emigrazzjoni, Xoghol u GhajnunaSocjali.**

**Illi skond l-Att XXII ta' l-2000 illum hija l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol li ghandha l-funzjoni li tamministra l-provvedimenti ta' dan l-Att u r-Regolamenti li jsiru tahtu jew li nzammu fis-sehh minn ligijiet ohrajn skond id-dispozizzjoni transitorja (Art. 39) fuq citata. L-appellant ma kellu jkollu ebda dubju dwar dan ghaliex , qabel ma gie mharrek, kien gja gie interpellat mill-Awtorita' bl-ittra tas-16 ta' Jannar, 2004 (fol. 2) u ghalhekk kellu indikazzjoni preciza lil min irid jindirizza w jibghat ir-rapport relattiv.**

**Ghalhekk hu ovvju li r-rapport li qabel kellu jinghata lid-Direttur illum irid jinghata lill-Awtorita' fuq imsemmija w li din hija l-awtorita' kompetenti imsemmija fl-imputazzjoni. Fejn dar-rapport ma jinghatax lill-Awtorita', jkun inkiser ir-Regolament 3 tal-A.L. 47 tal-1964.**

**Konsegwentement, l-aggravju tal-appellant fuq il-punt legali biss huwa assolutament infondat u qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------